MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 321/2007

**Michael Lowell (ID738861M) u**
**Desiree Lowell (ID350365M)**
**vs**

**John Bonello (ID599148M) u**
**Karen Bonello (ID186156M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' elf mitejn u sitt Liri Maltin (LM1,206) rapprezentanti kera ossia kumpens ghall-okkupazzjoni ghall-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2005 sat-3 ta' Jannar, 2007 data ta' meta gew konsenjati lura c-cwievet tal-fond f'Ghawdex appartament numru wiehed (1) Santa Maria Flats, Triq ix-Xmun, Xlendi li kien mikri lill-konvenuti bir-rata ta' tmien mitt Lira fis-sena (LM800.00) skond skrittura privata datata 6 ta' Gunju, 1990.

Bl-Ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta tal-konvenuti konjugi Bonello fejn issollevaw illi :

1. it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi:

a) it-talba taghhom hija 'res judicata' permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Dicembru, 2006 fl-istess ismijiet (kopja informali annessa u ezebita bhala Dok.JB1) u permezz ta' liema sentenza dik il-Qorti cahdet it-talba illi l-atturi qieghdin jergghu jipproponu permezz tal-kawza odjerna;
b) is-sentenza tal-5 ta' Dicembru, 2006 ma gietx appellata u ghalhekk hija finali u u taghmel stat bejn il-partijiet;
2. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ebda kera ma tista' tkun dovuta lill-atturi ghall-perjodu ta' bejn 1-1 ta' Lulju, 2005 sat-3 ta' Jannar, 2007, stante illi l-kirja giet itterminata b'effett mit-30 ta' Gunju, 2005;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari lli t-talba hija 'res judicata' u galhekk t-talbiet huma nfondati fid-dritt.

Ikkunsidra:

It-Tribunal sema' l-partijiet u ra li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Dicembru, 2006 indikata mill-konvenuti ma gietx appellata u *ai* fini tal-ligi hija finali u ghandha torbot lill-partijiet;

Sema' kif il-konvenuti indikaw illi t-talba tal-atturi hija *res judicata* permezz tal-istess sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Dicembru, 2006 fejn dik-il-Qorti

cahdet it-talba lli l-atturi qieghdin jergghu jipproponu bil-kawza quddiem dan it-Tribunal;

Sema' u ra kif it-tieni talba tal-atturi fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-5 ta' Dicembru, 2006, kienet illi l-konvenuti Bonello "…jigu kundannati jhallsu d-danni tal-istess okkupazzjoni illegali li ghandhom jigu likwidati minn dina l-Qorti u dana b'effett mill-1 ta' Lulju, tas-sena 2005 sad-data tal-izgumbrament effettiv';

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-5 ta' Dicembru, 2006, il-Magistrat ikkunsidra "Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba attrici, senjatament dik rigwardanti d-danni minnhom sollevati u allegati, stante li dan ma giex ippruvat mill-atturi qed tirrespingi din it-talba bl-ispejjez." Il-Qorti kompliet billi ordnat lill-konvenuti konjugi Bonello jizgumbraw mill-imsemmi fond fi zmien xahar mill-lum.

It-Tribunal ikkunsidra s-sentenza moghtija fil-5 ta' Dicembru, 2006 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta). Ra lli fit-talba l-atturi riedu jithallsu somma b'effett mill-1 ta' Lulju, 2005, data ta' meta l-kera tterminat sad-data tal-izgumbrament effettiv. Jidher illi c-cwievet gew ritornati fit-3 ta' Jannar, 2007 mill-konvenuti fiz-zmien moghti lilhom fis-sentenza.

Illi fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Dicembru, 2006 l-atturi ma gewx akkordati danni ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2005 sad-data tal-izgumbrament stante li dan ma giex ippruvat u ghalhekk dik it-talba giet respinta bl-ispejjez.

L-Atturi konsegwentement fethu kawza gdida u ghamlu talba ghal ' kera jew ossia kumpens ghall-okkupazzjoni ghall-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2005 sat-3 ta' Jannar, 2007'.

Huwa pacifiku li biex tirnexxi l-eccezzjoni tar-res judicata huma mehtiega tlett elementi tal-eccezzjoni tal-gudikat li huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni, fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali:

(1*) eadem persona* (2*) eadem res u (*3*) eadem causa petendi.*

Minn ezami tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) 5 ta’ Dicembru, 2006, l-atturi u l-konvenuti odjerni huma l-istess atturi u konvenuti fl-istess kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta’ Dicembru, 2005 u ghalhekk jirrizulta li l-istanza *de quo* qed issir bejn l-istess persuni *(eadem personae)*.

In rigward *l-eadem res u l-eadem petendi* it-Tribunal ihoss illi l-identita’ tal-oggett u l-identita’ tal-kawza jirrizultaw sodisfatti. Fil-kawza *cit. Nru 1828/1997/1 Testaferrata de Noto et vs Cassar Dessain et deciza fil-15/10/2001* l-eccezzjoni ta’ res judicata tigi validament sostnuta jekk kemm-il darba l-punt kontrovers tal-kawza tifforma parti mill-istess haga u jkun l-istess. Dwar l-identita’ tal-haga mitluba bhala wiehed mir-rekwiziti tal-gudikat hu ammess li mhux necessarju illi l-identita’ guridika tkun assoluta u materjali.

Jidher illi fit-talba l-kelma danni giet sostitwita bil-kliem ‘kera ossia kumpens.’ It-Tribunal ghandu jara jekk dawn it-talbiet humiex l-istess talbiet li gew riklamati precedentement ghall-istess perjodu u ghall-okkupazzjoni illegali.

Gie affermat fil-gurisprudenza nostrana lli hemm lok ghall-ecezzjoni tal-gudikat anki meta l-mertu tal-kaz ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta’ qabel, jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers huwa l-istess. *(Qorti Kummerc - Dr Jose Hererra noe vs Anth Cassar et noe 5/10/92.)* u fil-kawza odjerna din il-gurisprudenza hija applikabbli. Ma hemmx bzonn illi l-identita’ tal-oggett tkun assoluta basta li jkun l-identita’ fuq il-punt kontrovers, jew li l-oggett fit-tieni kawza ikun jidhol bhala parti integrali tal-ogett aktar ampju (*Qorti Civili - Abela vs Fenech 28/2/46).* Ghalhekk meta l-atturi kienu talbu originarjament illi tigi likwidata somma favur l-atturi ghal danni ta’ okkupazzjoni illegali, l-atturi ntroducew il-kelma ‘danni’ minnflok il-kliem ‘kera ossia kumpens.’ Illi fil-fehma tat-Tribunal fic-cirkostanzi dawn il-kliem ghandhom l-istess effett.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi jirrizulta bl-aktar mod evidenti lli l-kwistjoni li qed tigi sollevata f'dan il-kaz giet deciza fl-ewwel kawza u jidhirlu lli l-argoment tal-konvenuti jwassal ghall-konkluzzjoni illi l-kwistjoni kienet tinsab assorbita fil-kwistjoni l-ohra rrevokabilment deciza u li ghalhekk it-talbiet fil-kawza precedenti huma *res judicata pro veritate habetur* . It-Tribunal ihoss illi l-eccezzjoniji ta' *res judicata* tal-konvenuti timmerita akkoljiment u ghandu jistrieh fuq id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-5 ta' Dicembru, 2006.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni li din il-kawza hija '*res judicata'* permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Dicembru, 2006 u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u jordna l-kancellament ta' din il-kawza minn fuq il-lista tal-kawzi.

Spejjez a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------